# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 1 ta' Marzu, 2024

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 66/2023 ISB**

**GBCom Limited (C 51508)**

**Vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjetà **GBCom Limited**, intavolat fil-31 ta' Ottubru 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

> *Tordna li l-isem tas-socjeta' Afegra Finance Limited (C49210) jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji skond l-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana illi l-istess socjeta' Afegra Finance Limited (C49210) titqies illi kompliet bl-esistenza taghha*

*daqs li kieku isimha ma kienx thassar, u dan taht dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppremettiet:

*Illi s-socjeta' rikorrenti peremzz ta' rikors guramentat numru 1218/20AF, datat 21 ta' Dicembru 2020, fl-ismijiet: GBCom Limited (C 51508) vs L-avukat Nicolai Vella Falzon bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lis-socjeta' MSA frs Limited, socjeta' registrata d-Dubai, United Artab Emirates, b'numru ta' regsitrazzjoni JC/2522/10, Afegra Management Limited (C 49208), Afegra Holding Limited (C49209),* ***Afegra Finance Limited (C49210****), niediet proceduri kontra l-istess socjetajiet intimati f'dawk il-proceduri fejn qed titlob:*

3. *Kundanna ta' hlas ta' mis-socjeta' MSA Holdings Limited fis-somma ta' hames mitt elf Dollaru Amerikan (US$ 500,000); kif ukoll*
4. *Tordna li s-socjetajiet konvenuti Afegra Management Limited, Afegra Holdings Limited u* ***Afegra Finance Limited****, ghandhom ikun responsabbli solidalment mas-socjeta' MSA Holdings Limited ghall-hlas minnha dovut rizultanti mill-ewwel talba, kif ukoll ghall-hlas dovut rizultat tal-ezitu tal-kawza b'rikors numru 1001/13JZM, fl-ismijiet GBCom Limited (C 51508) vs L-Avukat Dr Nikolai Vella Falzon sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' MSA Holdings Limited, socjeta' registrata d-Dubai, United Arab Emirates, b'numru ta' registrazzjoni JC/2522/10, li gia' giet deciza in Prim' Istanza fit-30 ta' Novembru 2020.*

*Illi s s-socjeta' esponenti kienet ukoll intavolat mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta' Afegra Finance Limited, partikolarment sekwestru Numru 1802/2020 fl-ismijiet: GBCom Limited (C 51508) vs Afegra Management Limited (C 49208), Afegra Holding Limited (C49209)****, Afegra Finance Limited*** *(C49210),*

*Illi fit-23 ta' Gunju 2021, ir-Registratur tas-Socjetajiet kien nehha isem is-socjeta' Afegra Finance Limited minn fuq ir-Registru bil-kumment "struck off as defunct", kif jirrizulta mill-print out hawn anness bhala Dok. A mehud mill-website tal-istess Registru Tal-Kumpaniji.*

*Illi s-socjeta' esponenti ghandha kull interess illi tipprocedi bil-kawza li hija fethet u li tithallas id-debitu lilha dovut, li jammonta ghal USD1,500,000, oltre l-imghaxijiet mit-30 ta' Novembru 2013, ghax illum il-gurnata minhabba l-fatt li s-socjeta' Afegra Finance Limited tnehhiet minn fuq il-lista, l-proceduri kellhom jieqfu ghal kollox.*

*Illi l-presenza fil-gudizzju tas-socjeta' Afegra Finance Limited hija essenzjali ghas-socjeta' esponenti li qed titlob dikjarazzjoni ta' lifting of the corporate veil fil-proceduri li hi intavolat u li kopja taghhom hija hawn annessa bhala Dok. B.*

*Illi b'hekk is-socjeta' esponenti ghandha kull interess, ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap. 386, li thossha aggravata bil-fatt illi s-socjeta' Afegra Finance Limited tnehhiet minn fuq il-lista mir-Registratur intimat, u ghandha kull interess ukoll li ai termini tal-istess artikolu tal-ligi titlob li l-istess socjeta' terga' titpogga fuq il-lista, ghax tali thassir tal-isem qed jippregudika serjament lis-socjeta' esponenti.*

*Illi ghadhom m'ghaddewx hames (5) snin minn meta s-socjeta' surriferita thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u fl-umli fehema tas-socjeta' esponenti jezistu r-rekwiziti kollha kontemplati fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kumpanijia terga' tiqi mqieghda fuq ir-Registru tal-Kumpaniji.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 15).

Rat **id-digriet** tagħha tat-3 ta' Novembru 2023, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2023 fil-10:55 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien notifikat fl-14 ta' Novembru 2023 (ara tergo ta' fol 17).

Rat illi fl-4 ta' Diċembru 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 20) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpannija Afegra Finance Limited (C 49210) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji ("Reġistru") fit-30 ta' Marzu 2010;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2011 li kien ġie sottomess fis-sena 2015 u l-aħħar prospett annwali sottomess kien dak relatat mas-sena 2018;*

*Illi apparti dan, il-kumpanija in kwistjoni, naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations u għaldaqstant baqgħet qatt ma ssottomettiet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpannija sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. A, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tal-kumpanija '40, Villa Fairholme, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex XBX 1095', u kif ukoll lid- diretturi tal-kumpanija: Anna-Marie Roxas Garcia, fl-indirizz, '3822 Hamber Place, North Vancouver BC V7G 2J9', James Muscat Azzopardi, fl-indirizz 'F4, Swieqi Residential Complex, Triq il-Qatta, Swieqi SWQ 3064' u Mikel Nicholas Sieben, fl-indirizz, '138, East Esplanade Apt 1704, North Vancouver BC V7L 4X9, Canada, datati 8 ta' Frar 2021;*

*Illi fit-23 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha, skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tweġibx għall- ittra fi żmien xahar, jew sussegwentament fi żmien tliet xhur ma tweġibx jew ma tintweriex raġuni biex isir kuntrarju għall-avviż ippublikat, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fil-frattemp, ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti kemm mingħand il-kumpanija u kif ukoll mingħand terzi u għaldaqstant, fit-23 ta' Ġunju 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, is-soċjetà rikorrenti kellha biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponenti dwar l-interess illi kellha sabiex l-isem ta' din il-kumpannija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda din baqgħet inadempjenti;*

*Illi l-unika raġuni għaliex is-soċjetà attriċi qegħda tagħmel din il-kawża, hija sempliċement għaliex hija parti minn kawża li fetħet hija stess kontra s-soċjetà Afegra Finance Limited (C 49210), sabiex din tkun tista' tiġbor debitu dovut lilha illi jammonta għal USD 1,500,000, oltre l-imgħaxijiet. Barraminhekk, is-soċjetà rikorrenti għandha n-neċessita' tal-presenza fil-ġudizzju tas-*

*soċjeta Afegra Finance Limited biex din tkun tista' titlob dikjarazzjoni ta' lifting of the corporate veil fil-proċeduri ntavolati;*

*Illi fil-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tibbaża t-talba tagħha sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditriċi ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 325 tal-Att. Illi f'dan ir-rigward, il-kumpanija ma tistax tiġi riattivata skont l-artikolu 325 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji imma skont ir-Regolament 9 (4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations għaliex kien taħt dan ir-regolament illi l-isem tal-kumpanija kien ġie mħassar;*

*Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpannija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpannija u kull uffiċċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqs li kieku l-isem tal-kumpannija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru.*

*Illi r-Reġistratur tapprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun terza persuna illi jkun qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, dina l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpannija. Dan għaliex l-isem tal-kumpannija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċement għall-benefiċċju tat-terza persuna. Ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal- lum, it-terza persuna tagħzel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi ta min isemmi wkoll illi l-isem tas-soċjetà azzjonista tal-kumpanija de quo, u cioe, Afegra Holding Limited (C 49209), wkoll*

*ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru minħabba l-istess inadempjenzi da parti tal-uffiċjali tal-kumpanija;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali, l-kontijiet annwali u informazzjoni dwar sidien benefiċċjarji) u dan ukoll sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa taghħa sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditur ta' din il-kumpanija hija stess u għaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa il-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal eluf ta' ewro, filwaqt illi l-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal* ***EUR 7,000****;*

*Illi r-Reġistratur ma toġġezzjonax illi l-kumpannija de quo tiġi mqiegħda fuq ir-Reġistru mill-ġdid;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2023 deher l-Avukat Dr Kris Borg għas-soċjetà rikorrenti u dehret l-Avukat Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2023, id-difensur tas-soċjetà rikorrenti ppreżenta nota b'affidavit tiegħu stess u stante qbil mad-difensur tar-Reġistratur intimat illi jeżistu l-proċeduri legali bin-numru 1218/2020AF, iddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-Reġistratur intimat li m'għandhiex provi x'tipproduċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2023, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjetà rikorrenti *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, is-soċjetà rikorrenti tgħid illi b'effett mit-23 ta' Ġunju 2021, l-isem tas-soċjetà **Afegra Finance Limited (C 49210)** kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti intavolat proċeduri ċivili kontra s-socjetà msemmija Afegra Finance Limited, fl-ammonti kif indikati fir-rikors promotur, sabiex tiġi kkanonizzata bħala kreditriċi tal-istess soċjetà fl-ammonti indikati fir-rikors promotur. Tgħid li għalhekk it-tħassir tal-kumpanija tippreġudika serjament lis-soċjetà rikorrenti milli tiġbor il-flus lilha dovuti mis-soċjetà *de quo.*

Huwa allura għalhekk illi s-soċjetà rikorrenti ressqet dawn il-proċeduri sabiex is-soċjetà Afegra Finance Limited (C 49210) terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi s-soċjetà rikorrenti tieħu l-miżuri kollha lilha spettanti biex tissodisfa l-kreditu tagħha.

Fl-affidavit tiegħu **l-Avukat Kris Borg** jgħid li hu ilu l-avukat tas-soċjetà rikorrenti għal dawn l-aħħar għaxar snin u ħa ħsieb il-proċeduri legali kollha li l-istess soċjetà hi involuta fihom f'Malta.

Jispjega li s-soċjetà rikorrenti permezz ta' rikors ġuramentat numru 1218/20 AF fl-ismijiet **GBCom Limited (C 51508) vs l-Avukat Nicolai Vella Falzon bħala Kuratur Deputat sabiex jirrapreżenta lis-soċjetà MSA Holdings Limited, soċjetà reġistrata d-Dubai, United Arab Emirates, b'numru ta' reġistrazzjoni JC/2522/10, Afegra Management Limited (C 49208), Afegra Holding Limited (C 49209), Afegra Finance Limited (C 49210),** nehdiet proċeduri kontra l-istess soċjetajiet intimati

f'dawn il-proċeduri fejn talbet il-ħlas tas-somma ta' ħames mitt elf Dollaru Amerikan (USD 500,000).

Jgħid li l-istess soċjetà rikorrenti intavolat ukoll mandat ta' sekwestru kontra s-soċjetà Afegra Finance Limited, partikolarment sekwestru numru 1802/2020 fl-ismijiet: **GBCom Limited (C 51508) vs Afegra Management Limited (C 49208), Afegra Holdings Limited (C 49209), Afegra Finance Limited (C 49210).**

Jispjega li fit-23 ta' Ġunju 2021, ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet neħħa isem is-soċjetà Afegra Finance Limited minn fuq ir-Reġistru bil-kumment *struck off as defunct*.

Jispjega li s-soċjetà rikorrenti għandha kull interess illi tipproċedi bil-kawża fuq ċitata iżda minħabba li s-soċjetà *de quo* tneħħiet mir-Reġistru, il-proċeduri kellhom jieqfu għal kollox u qed jistennew l-eżitu tal-proċeduri odjerni biex ikunu jistgħu jitkomplew. Isostni li l-preżenza tas-soċjetà *de quo* hija essenzjali għas-soċjetà rikorrenti fil-proċeduri li hi intavolat u b 'hekk għandha kull interess li l-istess kumpanija terġa' titpoġġa fir-reġistru.

Jgħid li għadhom m'għaddewx il-ħames (5) snin minn meta s-soċjetà *de quo* tneħħiet mir-reġistru.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-**intimat Reġistratur** isostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Jispjega illi t-talba rikorrenti kellha ssir ai termini tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 u mhux taħt l-Artikolu 325(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skont il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Reġistratur intimat jirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi ġie rilevat mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fir-risposta tagħha illi t-talba rikorrenti **kellha ssir *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act***

***(Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 u mhux taħt l-Artikolu 325(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Għalkemm it-talba fir-rikors promotur qed issir *ai termini* tal-Artikolu 325(4) tal-KAP 386, u kif sollevat mir-Registratur intimat, din kellha ssir *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, b'dana kollu din il-Qorti ser tagħti l-provvediment tagħha xorta waħda u tikkonsidra t-talba magħmula, u dan għal żewġ raġunijiet, kif gja qabel u f'diversi okkazjonijiet gja għamlet il-Qorti.

Fl-ewwel lok, filwaqt illi l-Qorti dejjem tippreferi u tissolleċita lis-soċjetà rikorrenti sabiex tara u tassikura illi t-talbiet isiru *ai termini* tal-provvedimenti tal-liġi idonei, b'dana kollu fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi l-effett tat-talba huwa xorta – it-tqiegħed lura tal-kumpanija fuq ir-Reġistru. Fuq kollox, it-talba kienet tkun xorta valida li kieku r-rikorrent ma semmiex l-artikolu fit-talba tiegħu. Il-Qorti ma tħossx illi dan ibiddel bl-iċken mod is-sustanza tal-proċedura.

Fit-tieni lok, il-Qorti qed tieħu din il-pożizzjoni anke fid-dawl ta' spedezza u prattiċità li huwa meħtieg fil-kamp kummerċjali, peress illi l-alternattiva kienet tkun, f'każ illi tiġi miċħuda t-talba minħabba l-iżball msemmi, illi terġa' tiġi riproposta l-kawza b'indikazzjoni tal-artikolu rilevanti. Tenut kont illi jirriżulta illi ġew regolarizzati n-nuqqasijiet tas-soċjetà *de quo*, dan ikun ifisser biss illi ssir proċedura oħra kemm jiġi indikat l-artikolu tal-liġi ġust jew addirittura ma jiġix indikat l-artikolu relattiv bir-riżultat illi jkun ottenut l-istess riżultat. Il-Qorti tqis dak bħala ħela ta' ħin u spejjeż inutili.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations*[1]** , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the*

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

*striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tar-regolament appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Afegra Finance Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi s-soċjetà rikorrenti għandha pretensjoni ta' kreditu fil-konfront tal-kumpanija mneħħija minn fuq ir-Reġistru, Afegra Finance Limited (C 49210), u tinnota wkoll li l-istess soċjetà rikorrenti qed tagħmel l-almu tagħha sabiex tirkupra l-istess kreditu.

Illi filwaqt illi l-intimat Reġistratur għandu raġun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-reġistru *ai termini* tar-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations* xorta ser jissussistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti indikat b'mod ċar li għad għandha pretensjoni ta' kreditu sostanzjali fil-konfront tal-istess kumpanija. Il-liġi tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex tiddeċiedi dwar talba bħal din skont kif tħoss xieraq illi għandu jsir.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpanija Afegra Finance Limited (C 49210) minn fuq ir-Reġistru, però fl-istess waqt is-soċjetà rikorrenti għandha interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex

huwa jitlob b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Reġistru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mis-soċjetà rikorrenti, però una volta illi l-kumpanija Afega Finance Limited ser terġa' titpoġġa lura fl-istat *monk* tagħha, il-Qorti, filwaqt illi tissolleċita lir-Registratur intimat sabiex jieħu dawk il-passi legali kollha opportuni li jidhirlu xierqa fil-konfront tagħha, tqis ukoll illi għandha tipprovdi fuq is-soċjetà rikorrenti sabiex din, perjodikament imma almenu darba fis-sena, tavża lir-Reġistratur intimat bl-andament tal-proċeduri legali msemmija fir-rikors pendenti quddiem Qorti oħra.

Is-soċjetà rikorrenti għandha tkun ben konxja ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'pożizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-soċjetà Afegra Finance Limited lura fuq ir-Reġistru, sabiex fl-eventwalità illi r-Reġistratur intimat ikun ġie mgħarraf illi ġew fi tmiemhom il-proċeduri illi wasslu lill-Qorti terġa' tpoġġi lura lis-soċjetà *de quo* fuq ir-Reġistru, allura u f'każ u f'eventwalità illi s-soċjetà *de quo* tibqa' ma tkunx regolarizzari, ir-Reġistratur intimat ikun jista' jerġa' jieħu l-passi sabiex hija titneħħa għal darb'oħra minn fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Afegra Finance Limited (C 49210)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Afegra Finance Limited (C 49210)** jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji sakemm jintemmu b'mod definittiv il-proċeduri mittieħda mis-soċjetà rikorrenti kontra l-istess soċjetà Afega Finance Limited, b'dan illi l-Qorti qed tordna lis-soċjetà rikorrenti sabiex almenu darba f'sena, permezz ta' korrispondenza,

jgħarraf lir-Reġistratur intimat bl-istat tal-proċeduri msemmija, bil-għan illi r-Reġistratur intimat ikun jista' jerġa' jgħaddi għall-kanċellament tagħha minn fuq ir-Reġistru jekk u fl-eventwalità illi l-kumpanija tibqa' mhux regolari mal-obbligi tagħha u l-proċeduri msemmija jkunu ġew mitmuma.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Afegra Finance Limited (C 49210)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u konsegwentement jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**